

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Novembru 2021 – Fereydoun Mahmoudian vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-681/19 P) <sup>(1)</sup>

(Appell – Politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) – Miżuri restrittivi meħuda kontra r-Repubblika Iż-żlamika tal-Iran – Dannu allegatament imġarrab mill-appellant wara l-inklużjoni u ż-żamma ta' ismu fil-lista tal-persuni u tal-entitajiet li għalihom japplika l-ifriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi – Rikors għal kumpens – Kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċċiedi dwar talba għal kumpens tad-dannu allegatament imġarrab minħabba miżuri restrittivi previsti minn deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-PESK – Ksur suffiċċientement serju ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti protezzjoni lill-individwi)

(2022/C 24/03)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Fereydoun Mahmoudian (rappreżentanti: A. Bahrami, avocat, N. Korogiannakis, dikigoros)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M.-C. Cadilhac u M. Bishop, aġenti), il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet u J. Roberti di Sarsina, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Fereydoun Mahmoudian huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 372, 4.11.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-16 ta' Novembru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Okręgowy w Warszawie – il-Polenja) – proċeduri kriminali kontra WB (C-748/19), XA, YZ (C-749/19), DT (C-750/19), ZY (C-751/19), AX (C-752/19), BV (C-753/19), CU (C-754/19)**

(Kawża magħquda C-748/19 sa C-754/19) <sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Stat tad-dritt – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-possibbiltà għall-Ministru għall-Ġustizzja li jikkolluka mħallfin fi ħdan qrat ta' grad superjuri u li jirrevoka dawn il-kollobamenti – Kulleġġi ġudikanti f'kawżi kriminali li jinkludu mħallfin ikkollokati mill-Ministru għall-Ġustizzja – Direttiva (UE) 2016/343 – Preżunzjoni ta' innoċenza)

(2022/C 24/04)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Okręgowy w Warszawie

**Partijiet fil-proċedura kriminali prinċipali**

WB (C-748/19), XA, YZ (C-749/19), DT (C-750/19), ZY (C-751/19), AX (C-752/19), BV (C-753/19), CU (C-754/19)

*fil-preżenza ta': Prokuratura Krajowa, li qabel kienet Prokuratura Rejonowa w Mińsku Mazowieckim (C-748/19), Prokuratura Rejonowa Warszawa-Żoliborz w Warszawie (C-749/19), Prokuratura Rejonowa Warszawa-Wola w Warszawie (C-750/19, C-753/19 u C-754/19), Prokuratura Rejonowa w Pruszkowie (C-751/19), Prokuratura Rejonowa Warszawa-Ursynów w Warszawie (C-752/19), kif ukoll Pictura sp. z o.o. (C-754/19)*

## Dispożittiv

It-tieni subparagraphu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 2 TUE, kif ukoll l-Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprovd li l-Ministru għall-Ġustizzja ta' Stat Membru jkun jista', abbażi ta' kriterji li ma humiex pubbliċi, minn naħħa, jikkolloka mħallef fi ħdan qorti kriminali ta' grad superjuri għal żmien determinat jew indeterminat u, min-naħħa l-oħra, f'kull mument u permezz ta' deċiżjoni li ma tkunx motivata, jirrevoka dan il-kolokament indipendentement minn jekk l-imsemmi kollokament ikunx għal żmien determinat jew indeterminat.

(<sup>1</sup>) ĠU C 54, 17.2.2020.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-16 ta' Novembru 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija

(Kawża C-821/19) (<sup>1</sup>)

*(Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Politika tal-ażil – Direttivi 2013/32/KΕ u 2013/33/UE – Proċedura għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali – Motivi ta' inammissibbiltà – Kunċetti ta' “pajjiż terz bla perikolu” u tal-“ewwel pajjiż ta’ ażil” – Għajnuna mogħtija lill-applikanti għall-ażil – Kriminalizzazzjoni – Projbizzjoni ta’ dħul fiż-żona tal-fruntiera tal-Istat Membru kkonċernat)*

(2022/C 24/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

## Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn J. Tomkin, A. Tokár u M. Condou-Durande, sussegwentement minn J. Tomkin u A. Tokár, aġenti)

Konvenut: L-Ungerija (rappreżentanti: K. Szijjártó, M. Tátrai u M. Z. Fehér, bħala aġenti)

## Dispożittiv

1) L-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt:

- l-Artikolu 33(2) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali billi ppermettiet li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi miċħuda bħala inammissibbli għar-raġuni li l-applikant ikun wasal fit-territorju tagħha minn Stat li fih ma huwiex espost għal persekuzzjonijiet jew għal riskju ta' dannu serju, jew li fih livell adegwat ta' protezzjoni huwa żgurat;
- l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/32 kif ukoll taħt l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-standards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali billi ssanzjonat kriminalment fid-dritt intern tagħha l-agħir ta' kull persuna li, fil-kuntest ta' attivitā ta' organizzazzjoni, tipprovd ġħajnejna sabiex issir jew tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-ażil fit-territorju tagħha, meta jista' jiġi pprovat, lil hinn minn kull dubju raġonevoli, li din il-persuna kienet konxja mill-fatt li din l-applikazzjoni ma setgħet tintlaqa', skont dan id-dritt;
- l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 12(1)(c) u l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/32 kif ukoll taħt l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2013/33 billi ċaħħdet mid-dritt li tersaq lejn il-fruntieri esterni tagħha kull persuna ssuspettata li wettqet tali reat.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.